IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.4.2014
COM(2014) 215 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Dwar sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti

1. Introduzzjoni

Fis-soċjetajiet moderni s-sistemi tas-saħħa[1] huma essenzjali biex lin-nies jgħinuhom iżommu jew itejbu saħħithom. Is-sistemi tas-saħħa mhux biss għandhom ikunu kapaċi jżidu aktar snin lil ħajjet in-nies, iżda wkoll aktar ħajja f'dawk is-snin.

Hemm differenzi fis-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri tal-UE li jirriflettu l-għażliet differenti tas-soċjetà. Madankollu, minkejja d-differenzi fl-organizzazzjoni u l-finanzi, is-sistemi huma mibnija fuq valuri komuni, kif rikonoxxut mill-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa fl-2006.[2] Dawn huma l-universalità, l-aċċess għal kura ta' kwalità tajba, l-ekwità u s-solidarjetà.

Is-sistemi tas-saħħa tal-UE qegħdin jinteraġixxu dejjem aktar ma' xulxin. Id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2011/24[3] kien pass ewlieni fiż-żieda ta' din l-interazzjoni. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-sistemi tas-saħħa għandu jgħinhom jaħdmu aħjar meta jaffrontaw il-mobilità ikbar tal-pazjenti u tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa.

F'dawn l-aħħar għaxar snin, is-sistemi tas-saħħa Ewropej ħabbtu wiċċhom ma' sfidi komuni li kull ma jmur qegħdin jikbru: żieda fl-ispiża tal-kura tas-saħħa, it-tixjiħ tal-popolazzjoni marbut ma' żieda fil-mard kroniku u l-multimorbidità li jwassal għal domanda ikbar għall-kura tas-saħħa, għal nuqqasijiet u distribuzzjoni inugwali tal-professjonisti tas-saħħa, inugwaljanzi tas-saħħa u inekwità fl-aċċess għall-kura tas-saħħa.

Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar snin il-kriżi ekonomika poġġiet limitu fuq ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u b'hekk aggravat id-diffikultajiet tal-Istati Membri huma u jippruvaw jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa tagħhom.[4] Konsegwentement, dan idgħajjef il-ħila tal-Istati Membri li jipprovdu aċċess universali għall-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba. Is-sistemi tas-saħħa jeħtieġ li jkunu reżiljenti: għandhom ikunu jistgħu jadattaw ruħhom effettivament għat-tibdil fl-ambjent u jegħlbu sfidi kbar b'riżorsi limitati.

Minħabba l-Interdipendenza dejjem ikbar u l-isfidi komuni hemm bżonn ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib. Fl-2006, l-Istati Membri qablu fuq l-għanijiet komuni għall-aċċessibbiltà, il-kwalità u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-kura tas-saħħa fil-kuntest tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali[5]. Fl-2011, il-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa stabbilixxa proċess ta' riflessjoni fil-livell tal-UE biex jgħin lill-Istati Membri jipprovdu sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u

[1] F'din il-Komunikazzjoni, is-sistemi tas-saħħa huma definiti bħala dawk is-sistemi intiżi biex jipprovdu servizzi tal-kura tas-saħħa lill-pazjenti – kemm jekk preventivi, dijanjostiċi, kurattivi jew paljattivi – li l-għan primarju tagħhom huwa t-titjib tas-saħħa.

[2] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 146, 22.06.2006

[3] Id-Direttiva 2011/24/KE, ĠU L 88, 04.04.2011.

[4] Dan huwa enfasizzat ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) u tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sistemi tas-saħħa fl-UE (is-7 ta' Diċembru 2010).

[5] L-Opinjoni konġunta tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Kumitat dwar il-Politika Ekonomika dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Naħdmu flimkien, naħdmu aħjar: proposti għal qafas ġdid għall-koordinazzjoni miftuħa ta' ħarsien soċjali u politiki ta' inklużjoni" approvata minn EPSCO fl-10 ta' Marzu 2006,

sostenibbli.[6] Irrikonoxxa li "*filwaqt li l-iżgurar ta' aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja f'ċirkostanzi ta' riżorsi ekonomiċi u oħrajn skarsi minn dejjem kien kwistjoni ewlenija, attwalment huma l-iskala u l-urġenza tas-sitwazzjoni li qed jinbidlu u, jekk ma jiġux indirizzati, dawn jistgħu jsiru fattur kruċjali fix-xena ekonomika u soċjali futura tal-UE*".

F'Diċembru 2013, il-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa approva l-progress li sar u appella biex isir aktar xogħol f'dan il-qasam, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "Il-proċess ta' riflessjoni dwar sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli".[7]

Fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014[8] (SAT) "il-prijorità ewlenija issa hija li jinbnew it-tkabbir u l-kompetittività" sabiex nassiguraw irkupru dewwiemi. B'dan l-għan f'moħħu, is-SAT jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza u s-sostenibilità finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa, filwaqt li jissaħħu l-effettività u l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u li jiżguraw ix-xbieki ta' sikurezza soċjali essenzjali. Jirrikonoxxi wkoll l-importanza tas-settur tas-saħħa fl-indirizzar tal-konsegwenzi soċjali tal-kriżi ekonomika, filwaqt li jenfasizza li s-servizzi tas-saħħa huma qasam li se jiġġenera opportunitajiet sinifikanti ta' xogħol fis-snin li ġejjin. L-istħarriġ irrakkomanda li għandhom jiġu żviluppati strateġiji ta' inklużjoni soċjali attiva li jkunu jinkludu aċċess wiesa' għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja għall-but ta' kulħadd.

Dan diġà kien ġie enfasizzat fl-2013, meta ħdax-il Stat Membru[9] rċevew rakkomandazzjoni biex jirriformaw is-sistemi tas-saħħa tagħhom bħala parti mis-Semestru Ewropew. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ffukaw fuq is-sostenibbiltà u l-kosteffettività tas-sistemi tas-saħħa, u appellaw għal riformi fis-settur tal-isptarijiet, fl-ipprezzar tas-servizzi tas-saħħa, fil-kura tal-pazjenti esterni u fil-kura primarja. Tliet rakkomandazzjonijiet appellaw ukoll biex jinżamm jew jitjieb l-aċċess għall-kura tas-saħħa.

Minbarra li hija valur fiha nnifisha, is-saħħa hija wkoll prekundizzjoni għall-prosperità ekonomika, kif inhu rikonoxxut fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "L-investiment fis-saħħa", li huwa parti mill-Pakkett ta' Investiment Soċjali.[10] Is-saħħa tan-nies taffettwa r-riżultati ekonomiċi f'termini tal-produttività, il-provvista tax-xogħol, il-kapital uman u l-infiq pubbliku. Is-settur tas-saħħa huwa influwenzat ferm mill-innovazzjoni u għandu importanza ekonomika kbira: jirrappreżenta 10 % tal-PDG tal-UE. Barra minn hekk, huwa qasam li jirrikjedi ħafna ħaddiema u huwa wieħed mill-akbar setturi fl-UE: il-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa kienet tammonta għal 8 % tal-impjiegi kollha fl-UE fl-2010.[11]

---

[6] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill: Lejn sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli (is-6 ta' Ġunju 2011).

[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' riflessjoni dwar sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli (l-10 ta' Diċembru 2013).

[8] COM(2013) 800.

[9] L-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja.

[10] COM(2013) 83.

[11] SWD(2012) 93, li jakkumpanja lil COM(2012) 173.

Filwaqt li tikkapitalizza fuq l-esperjenza u x-xogħol imwettaq f'dawn l-aħħar snin, u bil-ħsieb li tkompli tiżviluppa l-approċċi fil-livell tal-UE, din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq azzjonijiet intiżi li:

1. Isaħħu l-effettività tas-sistemi tas-saħħa
2. Iżidu l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa
3. Itejbu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa

2. It-tisħiħ tal-effettività tas-sistemi tas-saħħa

L-effettività, is-sikurezza u l-esperjenzi tal-pazjenti huma komponenti ewlenin tal-kwalità tal-kura tas-saħħa, aspett importanti ta' kif ikunu qed jaħdmu s-sistemi tas-saħħa. Fil-livell tal-UE qed isir xogħol biex tittejjeb is-sikurezza tal-pazjenti,[12] filwaqt li l-esperjenza tal-pazjenti hija qasam ewlieni li se jeħtieġ aktar attenzjoni fil-ġejjieni.

Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq l-effettività: il-ħila tas-sistemi tas-saħħa li jipproduċu riżultati pożittivi fil-qasam, jiġifieri li jtejbu s-saħħa tal-popolazzjoni.

Il-kejl tal-effettività tas-sistemi tas-saħħa se jsir dejjem aktar importanti, speċjalment billi s-sistemi tas-saħħa mhumiex l-uniku fattur fit-titjib ta' saħħitna. Għalkemm għad hemm differenzi kbar fl-istennija tal-għomor bejn l-Istati Membri, b'mod ġenerali qed ngħixu aktar fit-tul u aktar f'saħħitna minn ġenerazzjonijiet preċedenti. Il-kisbiet sinifikanti fis-settur tas-saħħa pubblika u minn barra s-sistema tas-saħħa kienu fattur importanti. Fil-futur huwa mistenni li jkun hemm iktar titjib, pereżempju mill-għadd iżgħar ta' nies ipejpu, minn konsum iżgħar tal-alkoħol, minn nutrizzjoni aħjar u minn żieda fl-attività fiżika. Hemm kunsens ġenerali li l-kontribuzzjoni tas-settur tas-saħħa għal popolazzjoni f'saħħitha żdiedet b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar ħamsin jew sittin sena.

Il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-effettività komparattiva tas-sistemi tas-saħħa għadu fi stadju bikri. L-eżempji mogħtija hawn taħt juru l-oqsma fejn il-kontribuzzjoni tas-sistemi tas-saħħa għat-titjib tas-saħħa hija l-iktar evidenti u dawn l-eżempji huma appoġġjati mill-indikaturi disponibbli għall-UE kollha (dawn huma l-mortalità perinatali, l-imwiet li jistgħu jiġu evitati, l-inċidenza tal-mard li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim u l-iskrining tal-kanċer). Dan it-tqabbil juri li hemm varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri tal-UE.

Il-mortalità perinatali

Il-mortalità perinatali tiġi kkalkulata bħala s-somma tal-imwiet fetali fi stadju avvanzat (wara 28 ġimgħa ta' tqala) u l-imwiet tat-trabi tat-twelid (fl-ewwel sebat ijiem wara l-ħlas). Meta mqabbel mal-mortalità tat-trabi,[13] dan l-indikatur huwa inqas assoċjat mill-qrib mal-fatturi soċjoekonomiċi u, għalhekk, huwa indikatur aktar affidabbli tal-effettività tas-sistema tas-saħħa.

[12] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, ĠU C 151, 03.07.2009.

[13] Il-mortalità tat-tfal hija l-għadd ta' mwiet ta' tfal fl-ewwel sena ta' ħajjithom għal kull 1 000 twelida ta' tarbija ħajja.

Figura 1: ir-rati tal-mortalità perinatali għal kull 1 000 twelida totali (2011 jew l-aktar dejta riċenti)



Sors tad-dejta: Bażi tad-dejta tal-Eurostat, il-proġett Europeristat (żviluppat mill-persunal tal-Kummissjoni)

F'dawn l-aħħar ħames snin ir-rata tal-mortalità perinatali naqset fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm f'xi pajjiżi din ir-rata żdiedet matul dan il-perjodu.

L-imwiet li jistgħu jiġu evitati

L-imwiet li jistgħu jiġu evitati huma definiti bħala l-imwiet prematuri li ma jseħħux li kieku tingħata kura tas-saħħa effettiva u f'waqtha. Dan huwa indikatur fundamentali li jintuża biex jesplora l-kontribuzzjoni tas-sistemi tas-saħħa għar-riżultati fil-qasam.[14] L-indikatur tal-imwiet li jistgħu jiġu evitati jikkombina r-rati tal-mortalità standardizzati għal ġabra partikolari ta' mard li l-kura tas-saħħa hija stmata li għandha impatt dirett fuqha.

Figura 2: l-imwiet li jistgħu jiġu evitati, ir-rati tal-imwiet standardizzati għal kull 100 000 abitant — 2010



Sors tad-dejta: Eurostat (id-dejta għall-Greċja mhix disponibbli)

[14] Wieħed jista' jargumenta li t-tqabbil tal-"imwiet li jistgħu jiġu evitati" jeħtieġ li jqis l-inċidenza tal-mard u mhux biss l-imwiet marbuta mal-mard rilevanti. Madankollu, ma hemmx garanzija li d-dejta disponibbli hija komparabbli.

Prattikament l-Istati Membri kollha rnexxielhom inaqqsu r-rata tal-imwiet li jistgħu jiġu evitati bejn l-2000 u l-2010, għalkemm ir-rati tat-tnaqqis ivarjaw b'mod konsiderevoli bejniethom.

Il-mard li jittieħed

L-inċidenza ta' mard li jittieħed partikolari hija affettwata direttament mill-għoti ta' servizzi tas-saħħa xierqa: il-kampanji tat-tilqim naqqsu drammatikament l-inċidenza tal-mard li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim (anki jekk f'xi pajjiżi hemm sinjali inkwetanti li r-rati tat-tilqim qed jonqsu).

Figura 3: l-inċidenza tal-mard li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim— każijiet ikkonfermati għal kull 100 000 abitant — 2011



Sors tad-dejta: Ir-rapport epidemjologiku annwali tal-ECDC għall-2012

Anki jekk niffukaw fuq ġabra żgħira ta' mard li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim (l-infezzjonijiet tal-meningokokki, l-epatite B, il-gattone, u l-ħosba), ir-rati ta' inċidenza bejn l-Istati Membri turi differenzi kbar.

L-iskrining tal-kanċer

Id-dijanjożi bikrija tal-kanċer kolorettali, tal-għonq tal-utru u tas-sider permezz ta' programmi ta' skrining organizzati abbażi tal-popolazzjoni hija indikazzjoni utli tal-effettività tas-sistema tas-saħħa fl-indirizzar tas-setturi fir-riskju. Il-Kunsill irrakkomanda l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi skont il-linji gwida Ewropej dwar il-garanzija tal-kwalità.[15]

Il-kanċer tas-sider huwa l-qasam fejn sar l-iżjed progress. Il-programmi nazzjonali tal-iskrining ġeneralment isegwu l-linji gwida tal-UE fid-definizzjoni tal-grupi tal-età fil-mira (in-nisa ta' bejn il-50 u d-69 sena) u fl-intervalli ta' żmien rakkomandati bejn kull skrining bil-mammografija. Madankollu, filwaqt li l-linji gwida Ewropej jidentifikaw rata mixtieqa tal-iskrinjar ta' mill-inqas 75 % tan-nisa eliġibbli (u livell aċċettabbli ta' 70 %), huma ftit l-Istati Membri li laħqu din ir-rata fl-2010.

[15] Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2003 dwar l-iskrining tal-kanċer ĠU L 327, 16.12.2003. Ara wkoll il-linji gwida Ewropej għall-garanzija tal-kwalità fl-iskrining u d-dijanjożi tal-kanċer kolorettali, l-iskrining tal-kanċer tal-għonq tal-utru, u l-iskrining u d-dijanjożi tal-kanċer tas-sider.

Figura 4: l-iskrining għall-kanċer tas-sider — % tan-nisa ta' bejn il-50 u d-69 sena li ġew skrinjati



Sors tad-dejta: OECD health at a glance Europe 2012, statistika nazzjonali

Is-sejbiet ewlenin

Jistgħu jsiru xi osservazzjonijiet inizjali b'rabta ma' dawn l-indikaturi speċifiċi, għalkemm mhumiex rappreżentattivi biżżejjed biex tiġi bbażata fuqhom valutazzjoni wiesa' tas-sistemi tas-saħħa. L-osservazzjonijiet juru varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri tal-UE. Juru wkoll li r-riżultati tas-saħħa huma multidimensjonali u diffiċli biex wieħed jiddefinixxihom. B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tas-saħħa hija proċess kumpless: il-miżuri tas-saħħa jistgħu juru l-effetti tagħhom biss wara ħafna żmien, u l-komparabilità u l-affidabbiltà tad-dejta huma diffiċli. Madankollu, qed isir xogħol biex dan jittejjeb.

Il-Kummissjoni appoġġjat l-iżvilupp tal-indikaturi ewlenin tas-saħħa Ewropej (ECHI - European Community Health Indicators), ġabra ta' indikaturi li jimmonitorjaw is-saħħa tal-popolazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa. Inħarġu wkoll diversi rapporti li jivvalutaw is-sistemi tas-saħħa Ewropej. Eżempji partikolarment siewja huma r-rapport konġunt tal-EPC u tal-Kummissjoni Ewropea fuq is-sistemi tas-saħħa, ippubblikat fl-2010, u s-serje "Health at a Glance Europe", ippubblikata mill-OECD u l-Kummissjoni.

Fl-2013 ittieħed pass importanti ieħor: il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali żviluppa qafas konġunt ta' valutazzjoni dwar is-saħħa, intiż biex ikun għodda ta' skrining inizjali biex jiġu individwati l-problemi fis-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri. Dan huwa kontribuzzjoni ewlenija għall-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa, b'kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà tad-dejta fil-livell tal-UE. Fl-aħħar nett, il-programmi qafas għar-riċerka u għall-iżvilupp teknoloġiku ffinanzjaw diversi proġetti biex jiġu żviluppati l-indikaturi u l-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa.[16]

[16] Ara pereżempju l-proġetti ECHO (http://www.echo-health.eu), Eurohope (http://www.eurohope.info), u EuroREACH (http://www.euroreach.net).

3. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà tas-sistemi tas-saħħa

Is-sistemi tas-saħħa għandhom ikunu aċċessibbli. Dan huwa wieħed mill-prinċipji ddikjarati fil-Karta Soċjali Ewropea,[17] li tenfasizza l-importanza ta' kriterji trasparenti għall-aċċess għat-trattament mediku, u l-obbligu tal-Istati li jkollhom sistema tas-saħħa li ma teskludix setturi tal-popolazzjoni mill-għoti tas-servizzi tas-saħħa.

Madankollu, huwa diffiċli biex wieħed ikejjel l-aċċess għall-kura tas-saħħa u ma hemmx metodoloġija dettaljata Ewropea biex timmonitorjah u tippromwovi l-aħjar prassi. Dan ikun pass importanti biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa.[18]

L-indikatur li jintuża normalment huwa l-varjanza madwar l-UE fil-perċentwal tar-residenti li jirrappurtaw li ltaqgħu ma' diffikultajiet fl-aċċess għall-kura medika minħabba raġunijiet marbuta[19] mal-aċċessibbiltà tas-sistemi tas-saħħa: il-ħin tal-istennija, l-ivvjaġġar involut u l-qsim tal-ispejjeż. Madankollu, dawn is-sejbiet jirriżultaw minn bżonnijiet iddikjarati mill-persuni stess u, għalhekk, jistgħu jkunu affettwati minn preġudizzju kulturali meta mqabbla bejn il-pajjiżi.

Figura 5: Bżonnijiet ta' eżami mediku mhux sodisfatti ddikjarati mill-persuna mqassmin skont ir-raġuni, proporzjon tal-popolazzjoni (%)



Sors: Eurostat, Statistics on Income and Living Conditions 2012 (id-dejta tal-2011 għal AT u IE)

L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa r-riżultat tal-interazzjoni bejn fatturi differenti, inkluż il-kopertura tas-sistema tas-saħħa (jiġifieri min huwa intitolat għall-kura tas-saħħa), il-fond tal-kopertura (jiġifieri għal xiex inhuma intitolati ċ-ċittadini), l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tas-servizzi tas-saħħa. L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa wkoll affettwat direttament mill-mudelli tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni użati fis-sistemi tas-saħħa. Il-pazjenti jistgħu jsibuha iktar diffiċli biex jiksbu aċċess għall-kura tas-saħħa jekk is-sistemi tas-saħħa jkunu kumplessi u ma jkollhomx trasparenza.

[17] Il-Karta Soċjali Ewropea riveduta, Strasburgu, it-3 ta' Mejju 1996.

[18] COM(2009) 567.

[19] Innota li l-klassifikazzjoni "raġunijiet oħra" f'dan l-istħarriġ tirrigwarda r-raġunijiet mhux marbuta mas-sistemi tas-saħħa lokali, eż. "nuqqas ta' ħin", "biża' mit-tobba", eċċ.



Kopertura tal-popolazzjoni

Fil-biċċa l-kbira s-servizzi tas-saħħa huma ffinanzjati minn sorsi pubbliċi prattikament fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-kopertura tal-kura tas-saħħa hija universali jew kważi universali fl-Istati Membri kollha; madankollu, għad hemm xi persuni minn kuntesti żvantaġġjati li huma esklużi minn kopertura adegwata tas-saħħa.

Fond tal-kopertura

It-trattamenti tas-saħħa ffinanzjati mill-fondi pubbliċi jvarjaw bejn is-sistemi nazzjonali tas-saħħa. Pereżempju, il-kura tas-snien, is-servizzi għall-kura tal-għajnejn u xi trattamenti avvanzati huma koperti f'xi Stati Membri biss. F'bosta Stati Membri ma hemm l-ebda definizzjoni espliċita tat-trattamenti ffinanzjati mill-fondi pubbliċi. Dan jikkomplika t-tqabbil u l-analiżi li jistgħu jikkontribwixxu għal kunsens dwar il-livelli minimi jew l-aħjar livelli għall-għoti tal-kura.

Affordabbiltà

In-nies ta' spiss jintalbu jikkontribwixxu finanzjarjament għal servizz li jeħtieġu, fil-forma ta' qsim tal-ispejjeż jew ħlas konġunt. Dan jista' jgħin biex jiġi żgurat li s-servizzi tas-saħħa jintużaw b'mod responsabbli; fl-istess ħin, madankollu, dan il-ħlas konġunt ma għandux ikun ta' ostakolu jew deterrent għall-persuni fil-ksib tal-kura tas-saħħa li għandhom bżonn. Il-miżuri ta' limitazzjoni tal-ispejjeż fis-sistemi tas-saħħa, intiżi biex jippromwovu użu iktar razzjonali tas-servizzi tas-saħħa, ma għandhomx inaqqsu b'mod sproporzjonat l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja.

Id-disponibbiltà (il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, id-distanza minn fejn tingħata l-kura, il-ħin tal-istennija)

Il-pazjenti għandu jkollhom aċċess raġonevoli għas-servizzi tas-saħħa: ma għandux ikollhom jivvjaġġaw 'il bogħod wisq jew jistennew ħafna biex ikollhom aċċess għas-servizz li jeħtieġu. Din hija problema partikolarment diffiċli fiż-żoni rurali u remoti.

Il-problemi relatati mad-distanza jistgħu jingħelbu permezz ta' mudelli ta' kura aktar integrati, li jtejbu l-kuntatt bejn il-pazjenti u s-sistema tas-saħħa, u permezz ta' użu usa' tas-soluzzjonijiet tas-Saħħa-e.

Ma hemm l-ebda definizzjoni komuni għall-UE ta' kif jitkejjel il-ħin tal-istennija, għalkemm dan huwa kunċett importanti fir-Regolament 883/04[20] u d-Direttiva 2011/24. Dan jista' jinbidel hekk kif id-Direttiva 2011/24 ittejjeb ir-responsabbiltà tas-sistema tas-saħħa għall-aċċess għall-kura permezz ta' trasparenza akbar dwar il-kunċett ta' 'dewmien eċċessiv' fl-istennija għal trattament.

It-tixjiħ tal-popolazzjoni u ż-żieda fil-mard kroniku multiplu jirrikjedu taħlitiet differenti ta' ħiliet, b'implikazzjonijiet fuq il-kontenut tal-programmi tat-taħriġ mediku. Is-separazzjoni tal-professjonijiet aktarx li ssir inqas riġida permezz tal-ħolqien ta' timijiet multidixxiplinarji. Id-domanda għal ħiliet u kompetenzi fis-settur tas-saħħa qed tinbidel b'mod kostanti u r-rwoli u l-professjonijiet mistennija jevolvu sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni. Pereżempju, minħabba r-rati għolja ta' inattività fiżika fl-UE u l-fatturi ta' riskju għas-saħħa marbuta magħha, il-professjonisti tas-saħħa għandhom rwol ewlieni fl-għoti ta' pariri lill-pazjenti dwar l-importanza tal-attività fiżika, f'ħidma konġunta ma' setturi oħra bħall-qasam tal-isport.[21]

Sabiex jilqgħu għall-isfidi li jġibu magħhom dawn l-iżviluppi, is-sistemi għall-ippjanar tat-taħriġ mediku għandhom ikunu aktar intelliġenti, għandhom jirreaġixxu aktar malajr u għandhom ikun f'pożizzjoni aħjar biex jattiraw l-istudenti lejn l-ispeċjalitajiet li jkunu meħtieġa l-aktar.

Barra minn hekk, l-evidenza turi li għandha tingħata attenzjoni lill-mediċini, billi s-sehem tal-infiq privat fil-mediċini huwa ogħla ferm milli għal tipi oħra ta' kura tas-saħħa koperta mill-fondi pubbliċi.

Id-deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-ipprezzar u r-rimborż għandhom impatti diretti u indiretti fuq l-aċċessibbiltà għall-mediċini madwar l-UE: il-prodotti innovattivi mhux dejjem isiru disponibbli fl-istess żmien fl-Istati Membri kollha, u f'xi pajjiżi jistgħu ma jkunux disponibbli.

L-ewwel pass biex intejbu din is-sitwazzjoni saret permezz tal-proċess dwar ir-responsabbiltà korporattiva fil-qasam farmaċewtiku, li ħeġġeġ id-diskussjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ipprezzar u r-rimborż u l-partijiet interessati l-oħra, u appoġġja l-iskambju trasparenti tal-informazzjoni dwar kif jinkiseb aċċess aħjar għall-mediċini.

4. It-titjib tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa

Is-sistemi tas-saħħa moderni għandhom jibqgħu aċċessibbli u effettivi filwaqt li jippruvaw jakkwistaw is-sostenibbiltà fit-tul. Biex jagħmlu dan iridu jibqgħu fiskalment sostenibbli. Il-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri f'din il-ħidma billi tipprovdi analiżi u tbassir u tirrakkomanda r-riformi bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew.

Is-sistemi tas-saħħa għandhom jikkunsidraw ukoll il-fatturi mhux fiskali. Għandhom ikollhom il-ħila jadattaw b'mod effettiv għall-bidliet fl-ambjent u jidentifikaw u japplikaw soluzzjonijiet innovattivi biex jegħlbu sfidi kbar — nuqqas ta' għarfien espert/riżorsi f'oqsma speċifiċi, żidiet mhux mistennija fid-domanda (eż. minħabba l-epidemiji), eċċ. — b'riżorsi limitati. Fi kliem ieħor, jeħtiġilhom jibnu u jmantnu r-reżiljenza.

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.04.2004).

[21] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, ĠU C 354, 4.12.2013.

Is-sistemi tas-saħħa tal-UE ma kampawx bl-istess mod fil-kriżi ekonomika u xi whud kellhom jimplimentaw riformi kbar u kultant diffiċli fi żmien qasir ħafna. Abbażi tal-esperjenza tar-riformi riċenti, il-Kummissjoni identifikat dawn il-fatturi tar-reżiljenza li għenu lil xi sistemi tas-saħħa biex iżommu servizzi tas-saħħa aċċessibbli u effettivi għall-popolazzjoni tagħhom.



Mekkaniżmi ta' finanzjament stabbli

Il-finanzjament stabbli jippermetti ppjanar effettiv tal-investiment u l-issuktar mingħajr problemi tas-servizzi fl-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-għoti tal-kura. Is-sistemi tas-saħħa li l-finanzjament tagħhom huwa bbażat fuq sorsi inqas stabbli tad-dħul aktarx li jbatu iktar mix-xokkijiet esterni: eż. is-sistemi li għall-finanzjament iserrħu l-aktar fuq il-kontribuzzjonijiet mill-impjiegi huma iktar esposti għall-konsegwenzi ta' żieda fil-qgħad. Ir-riżervi jew formoli kontroċikliċi oħra għat-trasferiment tal-bagit tal-gvern jistgħu jgħinu jiżguraw l-istabbiltà tal-fondi.

Metodi tajbin għall-aġġustament tar-riskji

Sistema konsistenti ta' aġġustament u qsim tar-riskju hija għodda ewlenija biex jiġi żgurat li r-rizorsi jintefqu skont il-ħtiġijiet. Pereżempju, meta bosta kumpaniji tal-assigurazzjoni soċjali tas-saħħa jiġbru kontribuzzjonijiet soċjali jew primjums tal-assigurazzjoni, jintuża mekkaniżmu ta' aġġustament/ekwalizzazzjoni tar-riskju li jqis id-daqs, l-istruttura tal-età u s-sess u indikatur tax-xejriet tal-morbidità tal-individwi assigurati f'kull fond. Dan isir sabiex tiġi evitata l-għażla u d-diskriminazzjoni tal-pazjenti u biex ikun żgurat li l-finanzjament jiġi aġġustat skont il-bżonn.

Governanza tajba

Il-governanza tinvolvi definizzjonijiet tajbin tar-responsabilitajiet fit-tħaddim tas-sistema tas-saħħa u l-komponenti ewlenin tagħha, flimkien ma' tmexxija b'saħħitha, mekkaniżmi tajbin ta' responsabbiltà u struttura organizzattiva ċara. B'hekk is-sistemi jkunu jistgħu jadattaw malajr għal objettivi u prijoritajiet ġodda u l-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu għall-isfidi l-kbar tissaħħaħ billi jidentifikaw u jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jappoġġjaw deċiżjonijiet ta' investiment intelliġenti.

Il-flussi tal-informazzjoni fis-sistema

Għarfien sod tal-punti b'saħħithom u dgħajfa u l-kapaċità li jimmonitorjaw l-informazzjoni, inkluż fil-livell tal-pazjenti individwali jew tal-forniturі tal-kura tas-saħħa, jippermetti lill-maniġers tas-sistemi tas-saħħa li jagħmlu deċiżjonijiet immirati u bbażati fuq l-evidenza fis-subsetturi speċifiċi.

Is-sistemi tal-informazzjoni bbażati fuq is-Saħħa-e jiffaċilitaw u jappoġġjaw it-tisħiħ tas-sistemi tal-għarfien u l-informazzjoni. Barra minn hekk, is-Saħħa-e tista' toffri kura tas-saħħa aktar personalizzata, u li tkun aktar immirata, effettiva u effiċjenti, u tgħin biex jitnaqqsu l-iżbalji u biex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li n-nies ikunu l-isptar.

Ipprezzar adegwat tas-servizzi tas-saħħa

Dan huwa essenzjali biex wieħed jifhem il-kumplessità tal-proċessi li jwasslu mill-ispejjeż għar-riżultati: kif l-ispejjeż jikkorrispondu mar-riżorsi umani u fiżiċi, kif ir-riżorsi jikkontribwixxu għall-attivitajiet (eż. interventi kirurġiċi, testijiet dijanjostiċi), kif l-attivitajiet jiġu raggruppati f'interventi tal-kura u, finalment, l-impatti li jkollhom tal-interventi tal-kura fuq is-saħħa.)

Il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa hija essenzjali biex ikun hemm metodu komuni għall-valutazzjoni tal-effikaċja tal-interventi u l-ipprezzar xieraq tas-servizzi u b'hekk tippermetti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jallokaw ir-riżorsi bl-aktar mod effiċjenti.

Il-kapaċità tal-ipprezzar tas-servizzi tas-saħħa b'mod preċiż mhix biss meħtieġa għall-kontroll tal-infiq, iżda hija wkoll prerekwiżit għal deċiżjonijiet effettivi dwar l-investiment u l-prijoritizzazzjoni.

Forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa ta' kapaċità adegwata u bil-ħiliet it-tajba

Forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa li tkun ikkwalifikata sew u mmotivata ta' kapaċità adegwata u bil-ħiliet it-tajba hija essenzjali sabiex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi permezz tal-bidla organizzattiva u teknoloġika. Huwa essenzjali li jkun hemm struttura effikaċi ta' inċentivi biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa u biex ikun hemm enfasi fuq l-għoti dirett tal-kura tas-saħħa.

5. Aġenda tal-UE għal sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti

Ir-responsabbiltà primarja għas-sistemi tas-saħħa hija tal-Istati Membri. L-UE ħadet għadd ta' azzjonijiet biex tappoġġja lill-Istati Membri, b'mod partikolari billi tipprovdi linji gwida u għodod għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni.

Il-Kummissjoni waqqfet bord ta' esperti indipendenti biex jagħti pariri b'rabta mal-investiment fil-qasam tas-saħħa.[22] Dan il-bord se jipprovdi analiżijiet u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar għadd ta' kwistjonijiet diskussi.

L-appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività tas-sistemi tas-saħħa

Valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa (HSPA -Health Systems Performance Assessment)

Il-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa stieden lill-Istati Membri biex jużaw l-HSPA għat-tfassil tal-politika, ir-responsabbiltà u t-trasparenza, u stieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-użu tal-HSPA.

B'reazzjoni għal din l-istedina, il-ħidma kollaborattiva fl-HSPA se tipprovdi lill-Istati Membri b'għodda u metodoloġiji, fost l-oħrajn:

- il-kapitalizzazzjoni mir-riċerka ffinanzjata mill-UE dwar miżuri u l-indikaturi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni;
- id-definizzjoni tal-kriterji u l-proċeduri għall-għażla ta' oqsma ta' prijorità għall-HSPA fil-livell nazzjonali u tal-UE;
- l-iżvilupp ta' sistema ta' rappurtar apposta; u
- l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-OECD u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

Din il-ħidma kollaborattiva tista' tippermetti wkoll aktar xogħol immirat fil-livell tal-UE biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi billi tingħata għajnuna lill-Istati Membri li għadhom taħt il-medja tal-UE biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom. Tista wkoll tkun utli biex tgħin lill-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/24 għall-informazzjoni dwar il-kwalità u s-sikurezza.

Il-kwalità tal-kura, inkluż is-sikurezza tal-pazjenti

Fir-rebbiegħa tal-2014, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tippreżenta t-tieni rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-pazjenti.[23] Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni se tiddiskuti x'jista' jsir biex tkompli tittejjeb is-sikurezza tal-pazjenti u biex jitnaqqsu d-differenzi mhux ġustifikati bejn l-Istati Membri u fihom stess.

Is-sejbiet tal-konsultazzjoni pubblika reċenti dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura juru li hemm interess kbir fl-iżvilupp ta' aġenda tal-UE usa' biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li għandhom impatt fuq il-kwalità fil-kura tas-saħħa. Il-Kummissjoni beħsiebha tieħu azzjoni ta' segwitu xierqa.

L-integrazzjoni tal-kura

[22] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2012 dwar it-twaqqif ta' panil ta' esperti multisettorjali u indipendenti biex jipprovdi konsulenza dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa, ĠU C 198, 06.07.2012.

[23] L-ewwel rapport ġie ppubblikat fl-2012: COM(2012) 658.

L-integrazzjoni tal-kura għandha ssir kemm bejn il-livelli differenti tal-kura tas-saħħa (il-kura primarja, il-kura fl-isptar, eċċ.), kif ukoll bejn l-oqsma tas-saħħa u tal-kura soċjali, partikolarment fir-rigward tal-anzjani u l-persuni b'mard kroniku.

Ir-riformi tal-Istati Membri biex inaqqsu d-dipendenza tas-sistemi tas-saħħa tagħhom fuq il-kura fl-isptarijiet permezz ta' integrazzjoni aħjar tal-kura, joffru opportunità biex isir skambju ta' esperjenzi ta' tagħlim fl-oqsma ewlenin u biex jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin:

- Liema pazjenti jistgħu jiġu ttrattati aħjar jew daqstant ieħor tajjeb barra mill-isptar?
- Kif jista' jitnaqqas l-għadd ta' pazjenti li jiddaħħlu l-isptar bla bżonn?

Il-bord tal-esperti dwar l-investiment fis-saħħa ppubblika rapport dwar il-kura primarja u l-integrazzjoni tal-kura, u l-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika abbażi tiegħu biex jiġu identifikati oqsma ġodda ta' riflessjoni.

Żieda fl-aċċessibilità tal-kura tas-saħħa

Il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa tal-UE

Ġew identifikati nuqqasijiet kbar fil-kapaċità tal-Istati Membri li jippjanaw għall-bżonnijiet futuri ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, u dawn huma marbuta kemm mal-volum totali kif ukoll mat-taħlitiet ta' ħiliet li se jkun hemm bżonn biex jiġu sodisfatti b'mod effiċjenti l-bżonnijiet tal-kura tas-saħħa mistennija.

Ir-riżultati tal-pjan ta' azzjoni dwar il-forza tax-xogħol tas-saħħa[24] se jgħinu biex jitbassru aħjar il-bżonnijiet ta' ħiliet fil-ġejjieni u biex jipprovdu għarfien importanti għat-taħriġ tal-ġenerazzjonijiet futuri ta' professjonisti tas-saħħa bil-ħiliet it-tajba. It-titjib tad-dejta disponibbli biex jissaħħu s-sistemi nazzjonali tal-ippjanar jista' jgħin ukoll sabiex jindirizza l-isfidi tal-mobbiltà tal-ħaddiema tas-saħħa u biex jinstabu soluzzjonijiet li jikkunsidraw id-dritt taċ-ċaqliq ħieles fl-UE.

L-isforzi għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa għandhom jiżviluppaw soluzzjonijiet sostenibbli fil-livell tal-UE biex jiżguraw għadd suffiċjenti ta' professjonisti tas-saħħa mħarrġa b'mod adegwat u bil-ħiliet xierqa biex jipprovdu kura lil dawk kollha li jeħtiġuha. Biex tevita li fil-futur ikun hemm nuqqas ta' ħaddiema jew nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet, il-Kummissjoni biħsiebha tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa rakkomandazzjonijiet, għodod komuni, indikaturi u linji gwida sabiex isaħħaħ l-appoġġ tal-UE għat-tisħiħ tal-ippjanar tal-Istati Membri.

L-użu kosteffiċjenti tal-mediċini

L-UE teħtieġ industrija farmaċewtika kompetittiva. Għaldaqstant, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jirriflettu aktar dwar kif jirrikonċiljaw l-għanijiet politiċi għal servizzi tas-saħħa aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE mal-ħtieġa għat-trażżin tal-ispejjeż. Għandha tingħata kunsiderazzjoni lit-titjib tal-kooperazzjoni fil-bini ta' mekkaniżmi għal aktar trasparenza u koordinazzjoni biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti mhux intenzjonati li jista' jkollhom is-sistemi ta' pprezzar nazzjonali attwali f'termini ta' aċċessibilità madwar l-UE.

[24] SWD(2012) 93, li jakkumpanja lil COM(2012) 173.

L-aħjar implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/KE

Id-Direttiva 2011/24 twessa' l-għażla tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa u tgħinhom jevitaw id-dewmien eċċessiv biex jirċievu t-trattamenti li jeħtieġu. Id-Direttiva se ttejjeb it-trasparenza billi tirrikjedi lill-Istati Membri li jistabbilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali biex jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini, fost l-oħrajn dwar id-drittijiet u l-intitolamenti tagħhom, is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-istandards tal-kura. Titlob ukoll għal fehim aħjar tal-basktijiet tal-kura tas-saħħa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva jiġu implimentati kif xieraq. Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib kif il-kunċett tad-dewmien eċċessiv jiġi applikat fl-Istati Membri.

In-netwerks ta' referenza se jippromwovu l-kooperazzjoni fost il-forniturі speċjalizzati ħafna fl-Istati Membri differenti, sabiex il-pazjenti b'mard bi prevalenza baxxa, kumpless jew rari jkollhom aċċess għal kura ta' kwalità għolja. Il-Kummissjoni biħsiebha tniedi sejħiet għall-espressjonijiet ta' interess għal membri tan-netwerk ta' referenza Ewropew, li jistgħu wkoll jipprovdu taħriġ lill-professjonisti tas-saħħa u appoġġ fid-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-kwalità komuni.

It-titjib tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa

Hemm bżonn urġenti għal iktar studji dwar il-fatturi tar-reżiljenza għas-sistemi tas-saħħa u l-metodi kif dawn jistgħu jinbnew. L-Istati Membri għandhom janaliżaw aħjar dawn il-fatturi fuq il-bażi tal-esperjenza nazzjonali tagħhom. Dan għandu jkun ikkomplementat minn ħidma tal-UE dwar il-qsim tal-aħjar prassi u dwar it-tfassil tal-miżuri politiċi. Dawn l-approċċi li ġejjin se jkunu ta' benefiċċju sabiex titjieb ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea.

Valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA - Health Technology Assessment)

L-HTA hija approċċ xjentifiku biex jevalwa l-effett relattiv li jkollha teknoloġija tas-saħħa partikolari fuq kundizzjoni medika billi jingħataw tweġibiet għal mistoqsijiet bħal:

- It-teknoloġija hija effettiva?
- Għal min taħdem?
- X'inhuma l-ispejjeż involuti?
- Kemm taħdem tajjeb meta mqabbla ma' teknoloġiji alternattivi?

L-HTA wriet li hija għodda effiċjenti biex ittejjeb l-aċċess għat-teknoloġiji innovattivi għall-pazjenti u biex tappoġġja l-allokazzjoni aktar effiċjenti tal-fondi.

L-Istati Membri jikkooperaw fuq l-HTA fi ħdan netwerk stabbilit mid-Direttiva 2011/24. Il-Kummissjoni tappoġġja għan ambizzjuż għan-netwerk tal-HTA, jiġifieri li l-informazzjoni tal-HTA prodotta b'mod konġunt tintuża mill-ġdid fil-ivell nazzjonali. Dan inaqqas l-iruppjar tax-xogħol mir-regolaturi, il-korpi tal-HTA u l-industrija tal-HTA, u jwassal għal fehim komuni tal-aspetti kliniċi tat-teknoloġiji tas-saħħa (jiġifieri, is-sikurezza u l-effikaċja/effettività relattivi tagħhom).

Fis-snin li ġejjin, se tiġi żviluppata struttura aktar ambizzjuża u stabbli li tappoġġja l-kooperazzjoni xjentifika dwar l-HTA. Bil-kollaborazzjoni tan-netwerk tal-HTA, il-Kummissjoni qed taħdem fuq il-proposti li possibbilment tista' tagħmel dwar dan.

Is-sistema tal-informazzjoni tas-saħħa

Kwalunkwe intervent biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa għandu jqis is-sistema nnifisha. Id-deċiżjonijiet dwar l-investiment jew id-diżinvestiment f'setturi speċifiċi jeħtieġ li jkunu bbażati fuq fehim tal-proċessi li jirregolaw dawn is-setturi u l-impatt tal-interventi fuq il-parametri tas-saħħa u l-ekonomija.

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jinvestu fl-iżvilupp tal-flussi tal-informazzjoni tagħhom, pereżempju, billi jiżguraw li l-flussi tal-informazzjoni fil-livell tal-pazjent jaslu b'mod xieraq għand il-forniturі kollha meħtieġa tal-kura tas-saħħa, jew billi jappoġġjaw riorganizzazzjoni aktar effettiva u sostenibbli tas-sistemi u s-servizzi tas-saħħa.[25]

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tappoġġja lill-Istati Membri fit-twaqqif ta' sistema sostenibbli u integrata ta' informazzjoni dwar is-saħħa tal-UE, filwaqt li tesplora b'mod partikolari l-potenzjal ta' konsorzju Ewropew komprensiv għall-infrastruttura tar-riċerka (ERIC - European Research infrastructure consortium) dwar l-informazzjoni fuq is-saħħa.

Is-Saħħa-e

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi ferm il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar is-Saħħa-e u tappoġġjahom fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet interoperabbli u kosteffikaċi tas-Saħħa-e biex jittejbu s-sistemi tas-saħħa.[26] Kif rikjest mid-Direttiva 2011/24, il-Kummissjoni tappoġġja n-netwerk tas-servizzi tas-Saħħa-e, li jaħdem biex joffri benefiċċji sostenibbli mis-sistemi u s-servizzi Ewropej tas-Saħħa-e u l-applikazzjonijiet interoperabbli. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa-e għall-2012-2020 jenfasizza wkoll il-benefiċċji tas-servizzi tas-Saħħa-e għaċ-ċittadini, il-pazjenti u l-forniturі tal-kura tas-saħħa, u jipproponi azzjonijiet speċifiċi biex jitnaqqsu l-ostakli fl-għoti ta' dawn is-servizzi.

Jinħtieġu aktar sforzi għall-iżvilupp ta' servizzi effettivi u interoperabbli tat-telemediċina. In-netwerks Ewropej ta' referenza se jkunu opportunità ideali għall-introduzzjoni u l-ittestjar tat-telemediċina fl-UE.

6. Konklużjonijiet

L-Istħarriġ tat-Tkabbir Annwali tal-2013 għaraf li "fil-kuntest tal-isfidi demografiċi u l-pressjoni fuq in-nefqa relatata mal-età, ir-riformi tas-sistemi tal-kura tas-saħħa għandhom jitwettqu sabiex jiġu żgurati l-kosteffettività u s-sostenibbiltà, filwaqt li tiġi valutata l-prestazzjoni ta' dawn is-sistemi meta mqabbla mal-mira doppja ta' użu aktar effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja."

[25] Ara l-konklużjonijiet fir-rapport tat-Task Force tas-Saħħa-e bit-titolu "Redesigning health in Europe for 2020", li jistieden lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jużaw is-setgħa tad-dejta: http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/eu-task-force-ehealth-redesigning-health-europe-2020.

[26] COM(2012) 736.

Fil-ġejjieni l-ħila tal-Istati Membri li jipprovdu kura ta' kwalità għolja lil kulħadd se tiddependi fuq jekk is-sistemi tas-saħħa jsirux aktar reżiljenti u jekk ikollhomx il-ħila jegħlbu l-isfidi quddiemhom. U dan iridu jagħmluh filwaqt li jibqgħu kosteffettivi u fiskalment sostenibbli.

Filwaqt li din hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, din il-Komunikazzjoni tenfasizza għadd ta' inizjattivi li permezz tagħhom l-UE tista' tappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika fl-Istati Membri. L-UE se jkollha tiżviluppa dawn l-inizjattivi u tibni fuqhom sabiex tiżgura li l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini għal kura ta' kwalità għolja jsiru realtà. L-enfasi għandha tkun fuq metodi u għodod li permezz tagħhom l-Istati Membri jkollhom sistemi tas-saħħa iktar effettivi, aċċessibbli u reżiljenti, skont ir-rakkomandazzjonijiet għar-riforma indirizzati lill-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Biex jimplimentaw ir-riformi identifikati f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri huma mħeġġa wkoll biex jużaw l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej.

